# Kif Niftakar lill-Prof. Anastasju Cuschieri

## Esperjenzi msaħħa bil-kitba tal-ewwel poeżiji

**Charles Coleiro**

### L-ewwel laqgħat tiegħi

Sirt naf lill-"Profs" kif konna nsibuh lil Patri Anastasju, it-tfal u l-kbar fl-inħawi tal-knisja tal-Karmnu, il-Belt ... kellimtu l-ewwel darba bis-saħħa ta' Patri Franco Falzon li kien qed iħejjini biex insir patri. Patri Franco kien jaf li kont nikteb xi versi, l-aktar dawk fuq sfond Marjan.

Ġurnata minnhom laqqagħni mal-Profs li kellu ċ-ċella tiegħu fl-istess kuritur tiegħu iżda fuq in-naħa l-oħra b'tieqa li tagħti għal Triq il-Punent. Niftakar qisu lbieraħ dħalt għandu ftit mistħi aktar u aktar meta Patri Franco f'introduzzjoni b'nofs tbissima introduċieni miegħu meta qallu "Hawn għandna poeta ieħor". It-tweġiba bl-ewwel kliem ta' għaref li kien, kienet "Jien ma nistax nagħmlek poeta" għax kompla "poeta nascitur, orator fit". Qalli "Int taf Latin?" U mingħajr ma stenna r-reazzjoni tiegħi qalli "għax poeta jitwieled poeta, ara predikatur isir oratur biż-żmien."

Wara li rabbejt ftit kuraġġ urejtu xi versi tiegħi u għoġbuh iżda kien qalli li ma nintrabatx mar-rima għax l-ewwel tikteb is-suġġett u t-taqbila fil-kliem tiġi waħidha għalkemm mhix tant importanti għax hemm il-vers liberu.

Bqajna li kelli nġiblu xi versi oħra rtukkjati bl-osservazzjonijiet li għamilli. Imħeġġeġ kif kont ma għaddietx ġimgħa li ma rġajtx dħalt għandu ... b'żewġ poeżiji oħra. Kien bħal ċanfarni bil-pulit meta rrimarkali "mhux meta dan tikteb

u tiġi mill-ewwel għandi għax il-poeżija trid terġa' taraha, tifliha tajjeb u tagħtiha s-sura skont ir-reguli tal-prosodija (li jien ġa kelli fil-ktieb ta' Karmenu Vassallo). Kompla jwissini "għax il-poeżija bħal borma minestra ... trid toqgħod biex ittiegħem il-benna tagħha" – kliem li bqajt niftakru sewwa. Iżda bejn twiddiba u korrezzjoni komplejt nikteb sa ma ħriġt l-ewwel ktieb tal-poeżija *Mirja ta' Qalbi* mżejjen bis-sunett li ħażżiżt mal-aħbar tal-mewt tal-Poeta Cuschieri.

## Riflessi fil-ħajja soċjokulturali ta' Cuschieri

Nistqarr li lill-Profs sirt nafu sew, meta kont insibu f'burdati ta' stqarrijiet awtobijografiċi li joħorġu l-filosofija li kien iħaddan, il-kultura Mediterranja u anki t-twemmin politiku tiegħu. Kont inħoss il-ħeġġa fi kliemu meta jitkellem dwar id-diskorsi li għamel fosthom l-oratur ewlieni fil-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li sar f'Malta fl-1913 meta fir-Rotunda tal-Mosta ppreżenta t-teżi "La Messa Riparatrice". Kien qalli li darba qabad polemika mal-filosfu Taljan Benedetto Croce fil-pubblikazzjoni ta' preġju "Rivista di Filosofia Neo-Scolastica" ta'Milan. U la semmejna r-rivista Taljana, Cuschieri kien prolifiku fil-lingwa Taljana u meta staqsejtu kif beda jikteb kien qalli li l-ewwel poeżiji tiegħu kitibhom bit-Taljan u sabu l-post tagħhom fil-ġabra *Poeti Maltesi d'Oggi*, antoloġija stampata Ruma fl-1932. L-editur Oreste Tencajoli qalli li kien tah kredtu għall-kitba tiegħu "scritte in un Italiano impeccabile". Bl-istess tema tal-lingwa, Cuschieri qalli li kellu ġibda lejn il-kultura Taljana u ma ddejjaqx jgħidli li t-twemmin politiku tiegħu kien jersaq lejn dak li kien prevalenti fl-Italja ta' żmienu. Darba stagħġibt meta stqarr li fl-aħħar gwerra kien jemmen li Mussolini kien se jitfa' l-fjuri fuq Malta u mhux bombi. Iżda l-imħabba lejn Malta u l-Malti kienet tiegħu l-ewwel post, xhieda ta' dan huma l-poeżiji li ħallielna.

Ma rridx nidħol bir-reqqa fil-merti letterarji tiegħu għax sehmi llejla hu li nagħti ħjiel tal-esperjenza personali tiegħi u nitkellem mil-lenti kif kont narah ... fl-umanità tiegħu. Semmejt il-poeżiji, meta darba mort narah wara l-marda li ħallietu fuq siġġu tar-roti, donnu nesa l-poeżiji patrijottiċi u Marjani li kiteb u b'vuċi kollha ħlewwa beda jislet il-poeżiji li kiteb għat-tfal ... kelma b'kelma bl-amment. U meta fakkartu fl-aktar poeżija tiegħu li ngħożż *Ilsien Pajjiżi* kien weġibni li l-poplu seta' jaqraha u jerġa' jaqraha fi

żmien meta l-proposta tal-*Integration* kienet se tħallina mingħajr identità fl-ilsien nazzjonali ta' pajjiżna.

Darb'oħra waqt żjara li għamiltlu u kont qbadtha miegħu dwar il-bini tal-knisja l-ġdida li bdiet tinbeda fl-aħħar tas-snin ħamsin, ma ddejjaqx jgħidli li kien kontra l-pjanta għax qal santwarju (bħal dak tal-Madonna tal-Karmnu) jinbena maż-żmien bil-qima tal-Insara u ma kellux jinħatt. Niftakar il-kliem eżatt li qalhom bit-Taljan "demolire un Santuario?" Ġrajja oħra li nħobb nirrakkonta dwar il-Professur Patri Anastasju Cuschieri hi li kien jibża' ħafna mill-maltemp. Darba waqt diskursata (li nsejt fuq liema suġġett qbadnieha) kien qalli "Se nħallik għax ġej il-maltemp" u pulit pulit urieni l-bieb taċ-ċella. Wara sirt naf li kien jibża' mis-sajjetti. Stramba imma vera, kien ifittex kenn taħt is-sodda. U meta fix-xitwa, xi drabi qabel marad, kont inwasslu sal-Barrakka ta' Fuq (li kien iħobb iżur) kien jeħtieġli naqra t-tbassir tat-temp, qabel ma jsaqsini hu.

Hemm ħafna iżjed tifkiriet tal-"Profs" iżda rrid inżomm mal-ħin li ngħatajt. Forsi nestendi b'żewġ minuti oħra biex naqra l-eloġju fis-sunett li ktibt meta tħabbret il-mewt tiegħu ... tabilħaqq "il-Poeta jmut 'ma l-Għanja tibqa'!"